Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Peter Paul Zammit)**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**Louis Mifsud**

Seduta tal-lum 19 ta’ Lulju 2002.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Louis Mifsud, bin Anthony u Dolores nee’ Grima, karta tal-identita numru 516552 (M) kif riportati a fol 1 tal-process bil-mod segwenti:

Nakuzzawh talli flimkien ma’ tlett persuni ohra fil-11 ta’ Mejju 1996, f’xi hin bejn il-4.45 pm u s-7.30 pm fix-Xewkija, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti u flus mill-fond numru 6, Triq Santa Marija, Xewkija, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin ghad-detriment ta’ Mikiel u Maria Dolora ahwa Vella;

U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-Lm10 izda ma teccedix il-Lm50 u dan ghad-detriment ta’ l-istess Mikiel u Maria Dolora ahwa Vella.

Rat in-nota ta’ l-avukat generali (fol 98) skond l-artikolu 370 (3) (a) tal-kap 9 sabiex il-kaz tal-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja ghal dak li hemm mahsub fl-artikoli 261 a, b, c, e, 262 sa 267, 269, 278 sa 280, 325(c) u 330 tal-Kap 9;

Rat illi l-imputat irregistra in-nuqqas ta’ oggezzjoni tieghu sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u dan skond il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Mejju 1996;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel prova mressqa mill-prosekuzzjoni kienet dwar kif il-pulizija waslet ghall-konkluzzjoni li l-imputat kien involut fis-serqa li sehhet fir-residenza ta’ Michael u Maria Dolores Vella waqt illi dawn kienu qed jisimghu l-Quddies. Minn din is-serqa rrizultaw nieqsa s-somma ta’ Lm5000, xi oggetti tad-deheb, kotba tal-bank, xi cekkijiet tal-pensjoni u xi flus tal-pensjoni. Il-Pulizija kienet waslitilha xi informazzjoni li certu Michael Pace, maghruf mal-pulizija, kien qieghed f’dawk l-inhawi dak inhar u li kien qieghed fil-kumpanija ta’ zewg persuni ohra. Pace kien mar jiffirma l-bail book l-ghassa tal-pulizija u kien insista ma’ l-ufficjal li jnizzel sew il-hin tal-firma u ghalhekk qanqal suspett. Il-Pulizija ghaddiet biex tarresta lill Michael Pace u certu Michael Camilleri. Wara aktar indagini il-Pulizija waslet ukoll ghall-imputat u dan kien interroggat.

Irrizulta illi l-imputat dakinhar ma kienx jahdem izda fid-data tas-serqa kien qieghed Ghawdex fil-karozza tieghu Austin 1100 flimkien ma zewg persuni wiehed Michael u jghidulu Ras il-Baghal. Dawn rikbu mieghu mil-Fgura minghajr ma kienu miftehim li jigu Ghawdex. Hu wassalhom lejn ic-Cirkewwa u telqu ghal rashom fuq il-vapur izda l-imputat ukoll baqa sejjer lejn Ghawdex. Meta waslu huma telqu fuq il-muturi taghhom u dak li hu maghruf bhala l-Kozzu talbu joqghod jistenna fil-kantuniera tat-triq fejn saret is-serqa u qabel nizlu mill-karozza tal-imputat hadu lieva u turnavit maghhom u l-imputat issuspetta li kien ser jaghmlu xi haga hazina. Wara li ghadda Pulizijia, beza u telaq biex jaqbad il-vapur lejn Malta. Fuq il-vapur rega ltaqa ma’ dawn it-tnejn li kienu qed jithattu dwar jekk hbewx id-deheb sewwa u Ras-il-Baghal dar fuq l-imputat u esklamalu li ma kienx ragel ghaliex ma marx maghhom. Xi jumejn wara sabuh u tawh xi sitt mitt lira fi flus.

Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi din is-serqa sehhet kif deskritt wara li l-malviventi kienu osservaw il-hinijiet ta' hrug tad-derubati u fil-fatt is-serqa sehhet waqt li dawn kienu qieghdin jassistu ghall-quddies.

L-imputat kien irrilaxxja zewg stqarrijiet u kkonfermhom bil-gurament quddiem din il-Qorti. L-imputat jghid illi hu ma kienx jaf ir-raguni ghaliex kien gie Ghawdex mal-persuni l-ohra u ma kienx jaf x'ser jghamllu u li dawn kienu dahluh fi xkora.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-imputat kien jaf li kien qed jghamilha ma' persuni ta' karattru hazin u li kienu mgharufa mal-Pulizija minhabba l-passat taghhom. L-ewwel darba li tela Ghawdex kien gia intebah li mhux kollox kien sew u it-tieni darba kien mitlub jistenna lill-malviventi shabu fil-kantuniera wara li kien wassalhom Ghaxdex u wara li dawn hargu lieva u turnavit mil-vettura tieghu. L-imputat beza meta ra Pulizijia, u dan beza' ghaliex kien jaf li mhux kollox sew. Inoltre xi jumejn wara inghata Lm600 u dan ma irrifjutax dawn il-flus meta kellu kull raguni jaghmel hekk la darba ma kellu l-ebda raguni ghaliex jircievi hlas.

Illi b'hekk jirrizulta illi l-imputat huwa komplici f'dawn ir-rejati kommessi mill-persuni minnu msemmija. Biex wiehed jinduna illi dak li qed jaghmel haddiehor mhux lecitu, meta l-haga hija kommessa minn nies ta' fama hazin u meta kollox jindika li qed isir xi rejat ma jehtiegx wisq hsieb. L-imputat induna b'dan u qaghad ghalih u immolla fl-ahhar meta ra lill-pulizija izda rega dahal partecipi wara li rcieva l-flus tas-"sehem" tieghu.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 261 (a), (b), (c), (e), 262 sa 267, 269, 278 sa 280, 325(c) u 330 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat kif ukoll wara li semghet ix-xhieda ta' karattru;

Ikkunsidrat illi minkejja id-diversi twissijiet li kellu l-imputat tramite l-uzu tal-artikolu 9 tal-Kap 152, xorta baqa jsib ruhu f'cirkostanzi bhal dawk li qieghed jirrispondi ghalihom illum. In vista ta' dan, l-Qorti qed taghtih l-ahhar opportunita' billi tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' tlett snin liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-hati jikkommetti rejat iehor punibbli bi prigunerijia sa zmien tlett snin mil-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9;

Il-Qorti fehmet l-obbligi tal-hati mposti bis-setgha ta’ din is-sentenza.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur